**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Jody Pisani**
**Mark Gauci**
**Emanuel McKay**

**Illum 19 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Jody Pisani detentur tal-karta tal-identita` numru 175379(M), Mark Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 95277(M) u Emanuel McKay detentur tal-karta tal-identita` numru 47457(M) billi huma akkuzati talli nhar id-29 ta' Novembru 2019 bejn it-tlieta ta' filghodu u l-erbgha ta' filghodu (03:00hrs – 04:00hrs) gewwa l-Berga ta' Kastilja, il-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Zammew jew issekwestraw lil Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia kontra l-volonta' taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

F'din il-kawza saru tliet seduti cioe` fit-28 ta' Settembru 2020, fit-30 ta' Settembru 2020 u fis-7 t'Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezenta fit-12 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 145 et *seq.*) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati kienet prezentata fil-21 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 150 et *seq.*). Il-parte civile ghalkemm inghataw ic-cans biex jipprezentaw nota, din ma dahlitx.

**FATTI TAL-KAZ**

Dan il-kaz hu marbut ma' incident li sehh nhar id-29 ta' Novembru 2019 bejn it-tlieta ta' filghodu u l-erbgha ta' filghodu (03:00Hrs – 04:00Hrs) gewwa l-Berga ta' Kastilja, fil-Belt Valletta wara li ntemmet konferenza tal-ahbarijiet mill-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat li ghaliha kien hemm prezenti l-membri tal-Kabinett. Barra l-Berga ta' Kastilja kien hemm gruppi ta' persuni varji, min biex jipprotesta kontra l-Gvern u min biex jappoggja lill-istess Gvern inkluz staff ta' Ministri u Segretarji Parlamentari.

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

**<u>Preliminari</u>**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. **<u>Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.</u>** [Enfazi ta' din il-Qorti]

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk, l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li m'humiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.** [enfazi ta' din il-Qorti]

**F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda 'l oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat**. (Enfazi ta' din il-Qorti)

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Kawzi ta' natura sommarja</u>**

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

> **"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Angelo Gafa Vs Paul Chetcuti Caruana'</u>**[2], il-Qorti qalet li:

> *'Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic- citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar. F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti. F'dan il- kaz il-motivazzjoni hija nieqsa kompletament u hawnhekk din il-Qorti thoss illi ghandha*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2014 (Appell Kriminali Numru. 559/2012)

*ticcensura 'l-Qorti tal- Magistrati peress illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u mhux taqbad u tiddeciedi fuq il-htija o meno minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Il-Magistrat ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi però min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti imissha tat aktar importanza ghas-serjetà ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha. Hi x'inhi, però, bhalma già inghad, teknikament l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod kif kitbet is-sentenza u ma tistax din il- Qorti tilqa' t-talba ta' nullità tal-appellant.'*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija Vs James Grima**[3] deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fit-8 ta' Marzu, 2007 fejn intqal li:

*Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni. Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joslann Brignone"** [8.2.2007] :-*

*".....din il-Qorti thossha ......fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata*

[3] Appell Nru. 374/06

*w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"Ghal dawn il-motivi" (**<u>bla ma tkun semmiet l-icken motiv wiehed</u>**) issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, apparti li ma taghmilx sens mil-lat logiku, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."*

Fil-kawza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**PulizjaVs Maria Victoria Grech**[4] deciza fl-20 ta' Novembru, 2018, hdax-il sena wara dak dikjarat mill-Imhallef Joe Galea Debono, l-Qorti regghet fakkret lil-legislatur f'dan in-nuqqas fejn tidhol motivazzjoni u regghet trattat fil-fond x'ghandu jkun hemm f'sentenza moghtija mill-Qorti biex tkun valida u kkummentat li:

*Din il-Qorti temmen li f'kawzi bhal din in ezami fejn si tratta ta' allegata offiza hafifa fuq il-persuna ta' zewg minuri minn ommhom,* ***<u>ikun ta' beneficcju ghal partijiet kollha li titnizzel il-motivazzjoni li abbazi taghha il-Qorti tkun waslet ghal decizjoni ta' htija.</u>*** *Minkejja dan, stante li jirrizulta li l-Qorti fis-sentenza apppellata nizlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-htija u l-piena f'dan il-kaz il-liberta kundizzjonata ifisser li l-kweziti tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9*

[4] Appell Nru: 219 / 2018 deciz mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera

*tal-Ligijiet ta' Malta gew rispettati u għaldaqstant* ***<u>din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx ghan-nullita tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti thoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitnizzel il-hsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti ghad-decizjoni li waslet ghaliha.</u>***

Il-Qorti se timxi ma' dak li tipprovdi l-ligi f'kawzi sommarji izda ha timxi ma' dak li tennew il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn meta se tiddeciedi se timmotiva d-decizjoni taghha.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu disa (9) xhieda kif gej:

Monique Agius (*a fol* 4 et. seq.); Miguela Xuereb (*a fol* 32 et. seq.); Julian Bonnici (*a fol* 56 et. seq.); Paul Caruana Galizia (*a fol* 63 et. seq.); Dr. Katya Vassallo (*a fol* 71B et. seq.); Spettur Daryl Borg (*a fol* 79 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 96 et. seq.); Matthew Carbone (*a fol* 120 et. seq.) u Brian Hansford (*a fol* 138 et. seq.).

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bzonn li din tkun riprodotta f'din is-sentenza izda se ssir referenza ghall-punti li huma importanti biex ikun trattat u deciz dan il-kaz.

**Il-verita' storika**[5]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hija li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda 'l oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka, cjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex

---
[5] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda 'l oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din

il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti :

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx, din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[9] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-

---

[7] ibid.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

[9] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo**

**Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diga' ddikjarat aktar 'l fuq kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha cara li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux 'l ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma*

*l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[10]

**Il-video esebit**

Il-Qorti rat il-filmat esebit fl-atti mix-xhud Monique Agius, ir-relazzjoni tal-Avukat Dr Martin Bajada u r-ritratti esebiti minn Miguela Xuereb. Il-filmat huwa twil sitt (6) minuti. Il-parti relevanti u li saret referenza ghaliha fix-xhieda hi twila zewg minuti u erbgha u ghoxrin sekonda (2:24). Il-video esebit ma jikkonfermax li l-incident sehh fuq mhedda ta' bejn hames u ghaxar minuti. Fil-filmat l-unika persuna li tidher tersaq lejn il-bieb huwa Paul Caruana Galizia, fejn kif xehed hu stess deher jimbotta lill-persuna (1:29) u anke tidher idejh fuq pum tal-bieb (2:11) izda ma jidhirx li kien attentat biex jiftah il-bieb. Kuntrarju ghal dak li hareg mix-xhieda li nghatat waqt dawn il-proceduri, mill-filmat ma jidhirx li kien hemm xi kommossjoni bejn dawk li kienu prezenti, gurnalisti u ohrajn, u l-persuni li kienu quddiem il-bibien sakemm infetah il-bieb (2:24). Aktar kien hemm konfuzjoni u tensjoni barra l-kamra. Mill-filmat jidher li min jinstema' fil-background u kienet qieghda tikkummenta s-sitwazzjoni

[10] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

xhud Monique Agius kienet qeghda tishaq li tkun taf min huma l-persuni li hallewhom gewwa u ma setghux johorgu. Waqt li kienet gewwa l-kamra tinstema' tuza' l-kelma "sekwestru" li l-Qorti qieghda tassumi li esklamata Monique Agius.

Il-Qorti rat ukoll il-filmati esebiti mix-xhud tad-difiza Matthew Carbone l-Kap tal-Ufficcju tal-Komunikazzjoni tal-Prim Ministru fejn kellha cans torjenta ruhha mal-post fejn saret il-konferenza tal-ahbarijiet.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-AKKUZA

Il-Prosekuzzjoni ibbazzat il-kaz taghha fuq **imputazzjoni unika** u ghalhekk din il-Qorti ghandha idejha marbuta **li tiddeciedi dwar din biss u xejn aktar**. Din il-Qorti ghandha quddiemha akkuza specifika f'kamp kriminali u trid tara hemmx l-elementi kollha prezenti biex tinstab htija dwar dan l-artikolu partikolari tal-Kodici Kriminali.

### Artikolu 86 tal-Kap 9 – Sekwestru ta' persuna[11]

Illi r-reat ta' l-arrest illegali huwa misjub fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali u jippreskrivi s-segwenti : -

> ***86.*** *Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew*

[11] Il-**Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) vs Deemer Tabone** deciza mill-Magistrat (illum Imhallef) Aaaron Bugeja fit-15 ta' Lulju 2016. Din is-sentenza taghti sfond storiku ta' dan ir-reat.

*issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tliet ipoteżi differenti u ċjoe dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilieli kien jippreskrivi s-segwenti : -

Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[12]

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-**Carmingnani** kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtorita leġittima.[13] Il-**Carmignani** kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' ***carcere privato*** – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) ***carcere privato per equipollenza***. Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' *carcere privato* kien ristrett għall-ipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta persuna.

E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando

[12] Il Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.

[13] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di malta, Napoli, 1854, page 248-249.

> taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).

**Francesco Sav. Arabia**[14] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li :-

> Arresta chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: detiene chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo.

Skont Arabia dan ir-reat mhux limitat għal meta tiġi mhedda biss il-liberta' naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta' ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata – kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' *carcere privato* billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija *sequestro*. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-*carcere privato.* Maż-żmien din it-tifsira tal-*carcere privato* evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal residenza jew ambjent magħluq.

---

[14] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

Skont ir-**Roberti**[15] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta' personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. **Roberti** jgħid :

> La legge adopera l'espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona.* Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta' della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di *carcere privato* non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.

**Ferrarotti**, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[16] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar 'il fuq imsemmi jistqarr:

> Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta' individuale; non e' necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa

---

[15] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[16] Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294.

jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-*Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale,* kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[17] jgħid : -

> Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale*, e la sua *moralita'*. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto*, la *detenzione*, il *sequestro.* Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta… Quanto poi alla *moralita',* ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

Dan l-element tal-*moralita'* huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-**Carmignani** li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtorita' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di

[17] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

> mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

Bħal **Ferrarotti,** ir-**Roberti** jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru illegali; u li l-att innifsu magħmul **<u>bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat</u>**.[18] Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' *vie di fatto* (simili għar-reat ta' *ragion fattasi*). Biss ir-**Roberti** jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' *carcere privato* bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna ikun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali. Huwa jtenni li dan setgħa jiġi inferit mill-fatt li l-Leġislatur Borboniku qiegħed ir-reat ta' *carcere privato* immedjatament wara r-reat ta' *vie di fatto*. U dan huwa eżattament dak li għamel il-Leġislatur Malti li kkolloka r-reat tal-arrest illegali immedjatament wara r-reat ta' *ragion fattasi*!

[18] Enfazi ta' din il-Qorti

**Kif trattaw dan l-artikolu f'gurisprudenza Maltija**

L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-transport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-Titolu tat-Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - l-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal-Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.

Illi dwar is-sekwestru ta' persuna l-Professur Sir Anthony Mamo[19] jghid hekk:

> *The words arrest detention and confinment are not synonymous. Each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty. Il reato preveduto nell'articolo 169 (our section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentrre che agisce o camina, sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova, sia quando finalmente si trasporti da un lugo ad un altro ..... Thus a person may be detained in his own home without having been previously arrested....* [20]

[19] Notes on Criminal Law Vol II
[20] Ara ukoll Pulizija vs Mohamed Elbozidi Appell Kriminali deciz 19.02.2004

Illi f'l-istess sens ikkummenta wkoll Maino[21] meta qal li:

> *la privazione della liberta si verifica anche nel fatto di rinchuidere taluno in un luogo nel quale gia si trova, fosse pure la sua stessa casa.*

Illi anki Antolisei[22] fil-kummentaju tieghu jghid li:

> *risponde quindi del reato ... tanto chi chiude una persona in una stanza, impedendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta di movimento, trattenendolo indebitamente nel luogo in cui e rinserrato.*

Illi aktar minn hekk l-istess Antolisei jinnega li r-reat in easmi ma jistax jigi kommess fuq certi persuni. Huwa jghid:

> *Alcuni autori sostengono che soggetti passivi del delitto possono essere soltanto le persone che, godendo piena liberta fisica di movimento, sono in grado di sentire la privazione della medesima, onde il sequestro non sarebbe configurabile nei confornto dei bambini... Questa tesi non puo ritenersi fondata perche la legge tutela obbiettievamente la liberta fisica di ogni persona....*[23]

[21] Raf Commento al Codice Penale Vol II pagna 112 e
[22] Manuale di Diritto Penale parte speciale I pagna 154
[23] Op cit pagna 156/157

Illi dwar l-mottiv li jista' jinduci persuna biex tissekwestra persuna ohra illegalment l-imsemmi Professur Sir Anthony Mamo jghid hekk:

> *... the law does not, in contemplating the simple form of this crime, specify the purpose which may have actuated the offender in committing the illegal arrest, detention or imprisonment ... whatever may have been the motive of the offender ... or whether any motive is made to appear at all, if the fact of the illegal arrest ... is proved the offence subsists, saving the right of the judge to avial himself of the latitude of punishment left to his discretion to proportion the same to the greater or lesser wrongfulness of the motive.*[24]

Illi dan ir-reat, is-sekwestru illegali ta' persuni, ghalkemm simili hafna ghal reat iehor li l-imputati mhux mixlija bih imma ghall-kompletezza tajjeb li tinghata harsa lejh ukoll cioe il-htief u habi (*kidnapping or concealing* fit-test Ingliz ta'l-artikolu 210 tal-Kapitolu 9) ivarja minn dan l-ahhar reat f'aspett materjali tieghu.

Illi fil-fatt huwa ritenut li:

> *The actus reus of kidnapping ... is similar to that of false imprisonment insofar as it involves the unlawful deprivation of victim's liberty, but it differs from false imprisonment in that it also requires victim to be taken or carried away, either by force or by fraud.*[25]

---

[24] Op cit

[25] Blackstone's Criminal Practice 2009 B2 80 et seq page 251

Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal l-Artikolu 86 taghna[26] billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale[27] jghid:

*"le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl- erbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :

"*che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*".

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Andrew Bonnici**[28] huwa li bniedem irid ikun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

---

[26] Fol 112 paragrafu 788 Vol II.

[27] Ed. 1977 pg 134

[28] **Il-Pulizija v. Andrew Bonnici**: "Għalkemm it-tifel jgħid li meta f'ħin minnhom l-appellant qallu biex jagħmel xi ħaġa hu (jiġifieri t-tifel) beża' iża xorta għamel dak li qallu għax ra l-bieb magħluq bil-kantun, f'ebda ħin ma jirriżulta li t-tifel fisser lill-appellant li hu ried jitlaq minn hemm u l-appellant, b'xi mod jew iħor, ma ħalliehx."

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bugeja**[29] irreferiet għal dak li ġie deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2006 fil-proċeduri li ttieħdu kontra **Martin Cefai**.[30]

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-

> *"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."* (ROBERTI – ibid , para 323)[31]
>
> *...Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

---

[29] App. Nru. 76/13 deciza nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015 mill-Imhallef David Scicluna

[30] **Il-Pulizija v. Martin Cefai**: "Illi l-irbit illi gie menzjonat kienet parti ntegrali mill-att sesswali, u ghaldaqstant, ma jikkonfigurax ghall-akkuza ta' sekwestru fuq il-persuna, ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 9."

[31] Illi ma hemmx dubju li l-kelma "immobilizzawhom" , kelma mehuda mill-lingwi romanzi "romance languages" bhat-Taljan u l-Franciz ghandha il-konnotazzjoni , fost ohrajn , li ixxekkel persuni b'mod li ma thallihomx jiccaqilqu liberament . Hekk fil-lingwa Franciza il-verb "immobiliser" hu defenit bhala "render immobile. Priver de moyens d'agir" (Petit Larousse Illustre' – Nouveau Dictionnaire Encyclopedique, p. 490) u bl-Ingliz il-verb "to immobilize" gie defenit bhala verb transittiv: "fix immovably" u "make incapable of being shifted" ("The Oxford English Dictionary" . p.567). L-istess sinifikat jinghata fil-lingwa Taljana u dan it-terminu jintuza ta' spiss fir-rapportagg tal- "cronaca nera" fil-mezzi tax-xandir u fl-istampa Taljana .

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rreferiet ghal kaz ricenti **Il-Pulizija vs Suda John**[32]**: –**

> *Illi huwa minnu li l-imputat sakkar il-bieb tal-kamra bic-cavetta izda mill-provi rrizulta li huwa kien jaf li sid il-post Joyce Muscat li kienet fis-sular t' isfel kellha c-cwievet tal-istess kamra u setghat tidhol liberament. Huwa kien jaf ukoll li fil-kamra kien hemm l-intercom sabiex issir komunikazzjoni ma' min kien isfel u li dan seta' jigi adoperat minn omissis. Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm spazju bejn il-hgieg fil-faccata tal-kamra li kien jaghmilha facli li min kien isfel jisma' dak li qed isir fuq u ghalhekk jisma' kull eventwali sejha ghall-ghajnuna. Din il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta li l-intenzjoni tal-imputat meta sakkar il-bieb kienet sabiex ma jidhol hadd fuqhom waqt is-session u mhux ghaliex ried jissekwestra lil omissis.*

**<u>Kidnapping u false imprisonment</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-konsultazzjoni li ghaddejja mill-Law Commission tar-Renju Unit dwar dawn iz-zewg reati li ghandhom ingredjenti kwazi komuni ma' dawk tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali.

> Kidnapping[33] is an offence created by judges in the seventeenth century. There are generally 600 to 750 cases per year in which a

[32] Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza mill-Maġistrat Audrey Demicoli fil-05 ta' Ottubru 2018
[33] lawcom.gov.uk

person charged with kidnapping is brought before the courts. Many involve parents and children.

The current definition is that *kidnapping is an attack on or infringement of personal liberty, consisting of the taking or carrying away of one person by another, by force or fraud, without the consent of the person taken or carried away, and without lawful excuse*.

This definition is problematic for at least the following reasons:

- The elements of the offence overlap, and their relationship to one another is unclear. For instance, it is unnecessary to have both a force or fraud requirement and a requirement of absence of consent.
- The meaning of 'deprivation of liberty' is unclear. For instance, does the loss of liberty have to occur while the victim is being taken or carried away, or is it sufficient if the victim is first taken to a place and then confined there?
- The relationship between kidnapping and false imprisonment is poorly defined under current law.

Fil-kaz **D1** Lord Brandon ta din it-tifsira *kidnapping*:

*First, the nature of the offence is an attack on and infringement of the personal liberty of an individual.*

*Secondly, the offence contains four ingredients as follows: (1) the taking or carrying away of one person by another; (2) by force or fraud; (3) without the consent of the person so taken and carried away; and (4) without lawful excuse.*

Fil-kaz ta' *false imprisonment* r-reat huwa spjegat bhala *"the unlawful and intentional or reckless restraint of V's freedom of movement from a particular place"*[34]. Din id-defenizzjoni hija kkwotata kontinwament fil-gurisprudenza tar-Renju Unit.

**KONKLUZZJONIJIET**

**Il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li m'hi kuntenta xejn kif sar l-istharrig f'dan il-kaz. Il-kaz sehh fid-29 ta' Novembru 2019, r-rapport ghand il-pulizija dahal fit-2 ta' Dicembru 2019 u l-akkuzi hargu fl-14 ta' Lulju 2020. Il-pulizija kellha aktar minn tmien xhur biex tinvestiga, tigbor ix-xhieda u d-dokumenti kollha u tipprezenta kaz komplut quddiem din il-Qorti. Hadd m'ghandu jippretendi li tkun il-Qorti li ssewwi n-nuqqasijiet ta' haddiehor. Il-Qorti tiddeciedi l-kazijiet li jkollha fuq dak li jingab quddiemha u mhux fuq dak li jinghad barra minn dawn l-awli, f'xi rapport fuq xi gurnal, f'xi portal jew fis-social media.**

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fejn intqal:

[34] Archbold Criminal Pleading and Practice (2014), para 19-417

**"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza <u>u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process</u>".**

1. Minn dawn il-proceduri rrizulta li sar rapport ghand il-pulizija nhar it-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) minghand Monique Agius u Miguela Angela Xuereb ġewwa l-għassa l-Belt[35], xi tinizzel f'dan ir-rapport u l-verzjoni taghhom a tempo vergine ma gietx ipprezentata quddiem din il-Qorti. Il-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda rapport li ddahhal fis-sistema tal-PIRS, jekk jezisti dan ir-rapport.

2. Iz-zewg persuni 'l ohra li jissemmew fl-akkuza fil-konfront tal-imputati Paul Caruana Galizia[36] u Julian Bonnici m'ghamlux rapport formali[37] lill-pulizija. Rapporti lill-pulizija ma jsirux bil-*proxy*. Min investiga l-kaz kellu jkellem liz-zewg persuni l-ohra u jiehu verzjoni minn ghandhom.

*Ix-xhud: Huma fiżikament ma ġewx imma xtaqu li jkunu inklużi f'dan ir-rapport.*
*Il-Qorti: Imma min xtaqt ikun inkuż?*
*Ix-xhud: Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia. Le, imma huma fiżikament ma ġewx l-għassa biex jagħmlu rapport mat-tnejn l-oħra.*
*Il-Qorti: Allura kif kellmukom lilkom?*

[35] Xhieda tal-Ispettur Daryl Borg fis-seduta ta' 30 ta' Settembru 2020
[36] Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 gie ammess bhala parte civile f'dawn il-proceduri
[37] Xhieda tal-Ispettur Daryl Borg fis-seduta ta' 30 ta' Settembru 2020

*Ix-xhud: Tkellmu Monique Agius u Miguela Angela Xuereb u infurmawhom bir- rapport,*
*Il-Qorti: Jiġifieri Monique u MIguela jiġifieri, biex niftehmu, ħadu r-rapport huma, mhux il-pulizija. Imbagħad dawn wassluh għand il-pulizija.*
*Ix-xhud: Nimmaġina li kellmuhom u infurmawhom bir-rapport.*

L-Ispettur Borg xehed li *"Monique Agius kienet għaddietli kopja tal-filmat li ħadet waqt li kienet qiegħda ġewwa Kastilja. Jien dan il-filmat rajtu. U kont kellimt lil Mark Gauci, Jody Pisani u lil Emanuel McKay li qed nagħraf preżenti f'din l-awla. Kont ħadtilhom stqarrija".*

3. Dwar persuni ohra prezenti x-xhud Borg kompla*: "Dawn il-persuni li kienu preżenti għarafnihom aħna mill-għassa tal-Belt minn filmat li ipppreżentatilna. Veru li kien hemm persuni oħra li kienu qegħdin mal-persuni li qegħdin preżenti hawnhekk il-Qorti, imma l-persuni l-oħra ma kinux direttament involuti, **<u>ma kinux qegħdin quddiem il-bibien li bdew isemmu d-darba l-oħra fix-xhieda tagħhom</u>**".* (Enfazi tal-Qorti). Il-Prosekuzzjoni kienet silettiva ghall-ahhar meta ghazlet lil min tressaq il-Qorti fejn jidhru tal-anqas disa' (9) persuni fil-filmat esebit, fejn ma sar l-ebda attentat biex ikun identifikat kulhadd.

4. Meta wiehed jara l-filmat esebit, z-zewg ritratt, u stills mis-cctv, il-Qorti setghet tara numru akbar ta' persuni li jikkontradixxi sewwa dak li stqarr l-Ispettur fix-xhieda tieghu. Il-parte civile Paul Caruana Galizia fir-rapport li sar lill-Kummissarju tal-Istandards fid-9 ta' Dicembru 2019 jindika tal-inqas erba' persuni ohra li m'humiex l-imputati. (DOK PCG 3 *a fol* 116 tal-process)

5. Tul dan il-process hareg li min investiga dan il-kaz ma hax il-verzjonijiet ta' dawk li organizzaw il-konferenza tal-ahbarijiet u **ma sarx attentat biex ikun maghruf min ghalaq il-bieb (jekk kienx imsakkar jew le)**[38] **[liema fatt huwa krucjali hafna jekk tassew il-Prosekuzzjoni trid tirnexxi fil-kaz taghha]** li tant issemma' f'dan il-kaz:

*Il-Qorti: Issa, ħa nsaqsik mistoqsija jien. Inti għamilt sekwenza ta' x'ġara f'dan il-lejl? Jiġifieri jekk kienx hemm xi security threat fuq il-persuni li kienu preżenti għall-press conference, kemm kien hemm persuni li taw il-press conference, jekk kienx persuna waħda qed tagħti l-press conference u kemm kien hemm nies oħra miegħu? Iċċekkjajt jekk kinux ħarġu kollha dawn qabel imbagħad bdew joħorġu l-ġurnalisti sakemm kien hemm il-bieb magħluq? Iċċekkjajt jekk kienx hemm call for press conference? Ġbart iktar xhieda? Għax s'issa ma preżentajtuli ħlief ix-xhieda ta' dawk m'għandi xejn iktar.*

*Ix-xhud: Le, Sur Maġistrat.*

6. Mix-xhieda li ta l-Ispettur Daryl Borg li l-pulizija ma kellmet lil hadd mill-organizzaturi tal-Konferenza tal-Ahbarijiet in kwistjoni u ohrajn li kienu prezenti inkluz minn ghamel ir-rapport u min kien kostitwit parte civile f'dawn il-proceduri. Il-Prosekuzzjoni tidher li strahet biss fuq il-video prodott minn wahda mill-kwerelanti. Il-Prosekuzzjoni lanqas rat il-Protest (DOK PCG1 *a fol* 112) ipprezentat fid-29 ta' Settembru 2019 u l-

[38] Enfazi tal-Qorti

Kontro-Protest (DOK PCG *2 a fol* 114) ipprezentat fil-5 ta' Dicembru 2019 biex tipprova tigbor il-fatti kollha qabel tiehu passi. Fil-Kontro-Protest jinghad li *"l-fatt illi l-procedura tal-Konferenza Stampa illi ghaliha attendew volontarjament il-protestanti kienet tipprovdi ghal ordni ta' hrug mis-sala fejn saret il-konferenza, billi fi tmiem il-Konferenza l-ewwel johorgu l-Prim Ministru u l-Ministri li kienu qeghdin jakkumpanjawh u warajhom johorgu l-persuni l-ohra li kienu prezenti ghall-konferenza, bl-ebda mod ma jikkostitwixxi xi agir illegali [...] Huwa fil-fatt pacifiku illi min jorganizza avveniment li ghalih min jattendi, jattendi volontarjament, ghandu kull dritt li jistabilixxi procedura ghal dak l-avveniment. L-avveniment pubblici dejjem isegwu protocol dwar kif isir il-hrug fi tmiem l-avveniment u dan certament illi ma jfissirx illi jekk ma jithalliex li kulhadd johrog mil-laqgha f'daqqa u jikkaguna rassa, b'riskju ukoll ghas-sigurta', allura jkun qed jissussisti xi sekwestru tal-persuna jew xi ksur tad-dritt ghall-inkomulita personali jew ta' xi dritt iehor. Huwa car illi min volontarjament mar ghall-konferenza stampa fl-ufficju tal-Prim Ministru accetta ukoll volontarjament li joqghod ghar-regoli procedurali ta' dik il-konferenza inkluzi d-decizjonijiet tal-addetti tas-sigurta' dwar l-immaniggjar tal-folol".*

7. Lanqas ittiehdet verzjoni tal-gurnalisti li kienu prezenti waqt il-konferenza tal-ahbarijiet fejn f'dan il-process issemmew figuri ta' tletin (30) persuna, min semma' hamsin (50) u sahansittra anke issemmiet il-figura ta' mija (100). Monique Agius *"I do not know, something between fifty to hundred"*[39], Miguela Xuereb *"Kien hemm*

[39] Seduta tat-28 ta' Settembru 2020

*madwar tletin, erbgħin, ħamsin ġurnalisti oħrajn lesti biex jisimgħu lill-Prim Ministru Joseph Muscat għall-konferenza tiegħu."*[40], Peter Caruana Galizia *"I do not know how precise I can be, but over twenty (> 20), at least in the room I would say there were twenty or thirty or so journalists."*

8. Minghajr ma din il-Qorti titfa' xi dell fuq il-gurnalisti, kienu tnejn biss li marru fizikament l-ghassa jaghmlu rapport kif kellhom dritt jaghmlu. F'kaz bhal dan il-Qorti kienet tistenna aktar interess minn dawk involuti, inkluz li jsegwu s-seduti kollha ta' dan il-kaz u anke jippartecipaw b'mod shih u jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet. Paul Caruana Galizia biss kien prezenti jew rapprezentat fis-seduti kollha. Il-Qorti kienet sorpriza ukoll kif dan il-kaz li jista' kellu interess ghall-operaturi fil-qasam tal-media, ma gibed l-ebda attenzjoni tal-media u l-ebda reporter ma tfacca tul is-seduti li saru.

9. Il-Qorti stabbilit li:

- Mill-filmati esebiti johrog li kien hemm hafna aktar tensjoni meta nfetah il-bieb fuq barra tal-kamra fejn saret il-konferenza tal-ahbarijiet.
- Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni mal-gurnalisti minn min organizza l-Konferenza tal-Ahbarijiet.
- Wiehed irid jaghmel distinzjoni li persuna tirraporta jew tkun protagonist tal-event li tkun ghaddejja. F'dan il-kaz il-Qorti turi

[40] Ibid

simpatija kbira lejn Paul Caruana Galizia, ghax tilef lil ommu b'assasinju makabru u li kellu kull interess isir jaf bl-ahhar zviluppi dwar l-istharrig dwar il-kaz aktar milli biex jirraporta dwar l-istess kaz.

- L-ghejja u tensjoni taghmel taghha f'sitwazzjonijiet normali ahseb w ara f'cirkostanzi bhal dawk. Monique Agius xehdet li kienet ilha xoghol quddiem Kastilja sa minn nofsinhar sa dak il-hin meta saret il-konferenza tal-ahbarijiet fejn kienu ghaddew aktar minn hmistax (15) -il siegha.

10. F'attivitajiet bhal dawn ghandhom jidhlu biss dawk koncernati jigifieri dawk li huma mpjegati tal-ufficju u dawk li joffru xi servizz. Dawn ghandhom ikunu identifikati b'*name tag*. Tul dawn il-proceduri ma rrizultax jekk l-imputati kienux qeghdin jaghtu xi servizz u min inkarighom.

11. Ghandu jkun hemm protocols cari u miktuba ghall-attivitajiet tal-gvern[41]. Jekk jezistu, ma kinux prezentati f'dawn il-proceduri. Ghandu jkun hemm kollaborazzjoni mal-Istitut Gurnalisti Malti, Kummissarju ghall-iStandards fil-Hajja Pubblika, l-gvern permezz tad-Dipartiment ghall-informazzjoni u l-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Ufficcju tal-Prim Ministru biex jithejjew protocols varji ghal attivitajiet varji. Il-gwida tan-Nazzjonijiet

[41] Ezempju Sala Stampa della Santa Sede – *Partecipazione a Cobferenze Stampe, Briefings, Cenversazioni, Presentazioni, Visite Guidate.* Din il-Qorti segwiet okkazzjonijiet varji li sehhew fil-Vatikan fosthom Konklavi u anke Kanonizzazzjoni ta' Qaddisin varji li ghalihom kienu akkreditati mijiet ta' gurnalisti. Il-mezzi tax-xandir kellhom linji gwidi cari mill-hin li jaslu ghal funzjoni, hafna drabi sieghat qabel tibda sakemm tispicca. F'okkazzjoni minnhom il-media tpoggiet f'ripart fi Pjazza San Pietru u hadd ma seta johrog qabel Papa Frangisku spicca d-dawra tieghu qalb il-folla prezenti.

Maghquda fejn jidhol l-access tal-media ghall-attivitajiet taghha[42] jista' jservi ta' gwida.

*The following agreement between the Department of Global Communications, Department of Safety and Security (DSS), the Office of the Spokesperson for the Secretary-General (OSSG) and the United Nations Correspondents Association (UNCA)* ***governs all media access*** *at United Nations Headquarters.*

***During times of heightened security, additional restrictions may apply.***

*The purpose of these guidelines is to grant as much access as possible to members of the media while safeguarding and protecting the United Nations Headquarters complex (UNHQ) and ensuring the safety, security and comfort of all of its occupants: staff, delegates and media alike.*

*While ensuring safety and security is the starting point of policies at UNHQ, it is equally true that journalists play an essential role in the United Nations work and therefore their ability to cover United Nations activities must be facilitated to the greatest extent possible.*

*All Correspondents who are granted access to UNHQ must abide by the policies in place, including the United Nations Code of Conduct to Prevent Harassment, Including Sexual*

[42] Il-Qorti qeghda tiehu dan l-ezempju biex ma tiehux cirkostanzi lokali fejn per ezempju fil-gurnata tal-qari tad-diskors tal-budget, il-gurnalisti jkunu msejha biex jinghataw kopja tad-diskors tal-budget u anke jkun hemm briefing. Hija l-prassi l-gurnalisti jibqghu "imsakkra" fil-post fejn jinghata l-briefing sakemm id-diskors ikun beda jinqara fil-Parlament.

*Harassment, at UN System Events. They are expected to conduct themselves in a professional manner in their interaction with other members of the UN press corps, UN officials, and diplomats. Journalists shall have due regard to the dignity, privacy and integrity of all individuals.*

***Where unexpected circumstances arise, the approach will be to avoid confrontation, maintain civility and find the fastest, safest and most secure acceptable solution****. Those Correspondents who violate the ground rules governing access, including the abovementioned standards of ethical behavior may have their accreditation withdrawn or suspended by the United Nations.*

*[…]*

*Wider consultations with other parties may be held as needed and* ***additional unannounced restrictions may be implemented due to security and safety issues without notice.***

12. Hemm il-bzonn ta' tahrig ghal sitwazzjonijiet ta' tensjoni. Il-Qorti setghet tinnota mix-xhieda ta' Agius, Xuereb u Bonnici setghet tinnota li hadd minnhom ma' kellu tahrig baziku fejn jidhlu sitwazzjonijiet varji waqt rapurtagg. Il-gurnalisti jiltaqghu ma' sitwazzjonijiet ta' tensjoni ta' sikwiet, sa minn incidenti tat-traffiku, delitti serji u konfronti waqt protesti. Il-korsijiet tal-Universita' u l-MCAST li jitrattaw il-media ma jidhirx li qeghdin ihejju lill-gradwati taghhom ghal sitwazzjonijiet reali li jiffaccjaw dawn tul

hidmiethom. Dwar dan il-Qorti rat il-pubblikazzjoni *Le Regole Dei Giornalisti – Istruzioni per un mestiere pericoloso*[43]. L-Istitut tal-Gurnalisti Maltin jista' jaqdi l-funzjoni fejn jidhol tahrig prattiku ghall-gurnalisti f'*beats* differenti bhal rapurtagg tal-Qrati, incidenti, reati magguri u reati marbuta mal-finanzi fost l-ohrajn. L-Istitut fil-passat kien jorganizza ghadd ta' inizjattivi bhal dawn inkluz Konferenzi Nazzjonali b'temi ta' interess.

13.**<u>Protezzjoni tal-gurnalisti</u>**: Il-Qorti tfakkar dak li jinghad fil-linja gwida tal-OSCE – Safety of Journalists Guidebook[44] :

> *Violence, harassment and intimidation directed against journalists represent an attack on democracy itself. They have the effect of stifling freedom of the media and freedom of expression, depriving populations of the ability to make informed decisions about their lives.*
>
> *Without safe working conditions, journalists cannot write or report freely and independently; the safety of the media is a precondition for free media.*
>
> *(..)*

[43] Pubblikazzjoni ta' il Mulino fl-2012 miktuba minn Caterina Malavenda, Carlo Melzi d'Eril u Giulio Enea Vigevani

[44] Mahrug mill-Office of the OSCE Representative on Freedom of the Media

*Having free, independent and diverse media is both a sign of a healthy democracy and an indispensible basis for achieving it. It is necessary to achieve accountability in public life and public trust in government and the rule of law.*

*(...)*

*The conduct of investigations into crimes of violence against journalists, as in the case of all crimes, must be conducted promptly, impartially, effectively and with professionalism.*

*(...)*

*Government officials should not deny access to any journalist or media organization on a discriminatory basis, and should not demand or request favourable coverage, apply pressure, or threaten journalists with reprisals or exclusion because of the contents or manner of their reporting. Media employers should not order journalists to behave unethically or to report untruths.*

*(...)*

*Dealings between media and State authorities: regulation, openness and dialogue*

*Issue: National, regional and local government offices and agencies should be open and responsive, with provisions for free, independent and inquiring media to perform their role of scrutinizing and investigating matters of public interest and reporting in a free and unhindered way*

*Good practice: There are no undue requirements from the State before journalists can work.*
*Regulatory authorities for broadcasting operate in an unbiased way in the granting of licences and other matters.*

*Tax investigations and other special administrative demands are not directed at the media arbitrarily as a form of harassment or without due cause.*

*Media access to officials, government spokespersons and to public and press events is administered without discrimination or arbitrary exclusion of any media.*

Finalment il-Qorti tfakkar li hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'l fuq. Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Id-difiza jekk tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita'.

a) Ma kienx stabbilit min ta l-ordni sabiex jinghalaq il-bieb u x'hin kellhom johorgu dawk prezenti inkluz il-gurnalisti.
b) Kien hemm aktar minn bieb wiehed minn fejn persuna tista' tohrog ghalkemm saret enfazi fuq bieb partikolari.
c) Mill-filmat hareg li xi hadd li ma kienx identifikat fetah il-bieb minn barra u ghalhekk jidher li l-kontroll tal-bieb ma kinetx minn gewwa.
d) Gewwa kien hemm persuni ohra eqreb lejn il-bieb u dan johrog mill-filmati u ritratti esebiti.
e) Wiehed mill-imputati jidher b'id wahda fil-but u l-ohra fuq il-pum tal-bieb, ma kien qieghed juza l-ebda forza biex izomm il-bieb maghluq. Iehor jidher f'kuntatt ma' Paul Caruana Galizia izda ma jidher jaghmel l-ebda manuvra biex izomm il-bieb maghluq.
f) Mix-xhieda li nstemghet ma jirrizultax li ntuzat xi forza fil-konfront tal-gurnalisti, ma ttehdilhom l-ebda apparat li kellhom tant li setghu jibqghu jirrapurtaw dak li kien ghaddej.
g) X'hin infetah il-bieb jidher hiereg kulhadd inkluz il-persuni imputati, fejn jidher li zviluppat sitwazzjoni *free for all* li fl-ebda binja, jekk hix tal-gvern jew tal-privat ma wiehed jistenna li jsir hekk. Meta persuna tmur f'post hix bhala mistiedna jew biex twettaq xi hidma ma tippretendiex li tiehu over il-binja.

Ma jistax jingħad illi Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia marru fil-fond inkwistjoni kontra l-

volonta` taghhom. Barra minn hekk mix-xhieda prodotta ma jistax jingħad illi kien hemm arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali, l-ingredjenti li ghandu jkun hemm biex tinstab htija dwar dan l-artikolu partikolari fil-Kodici Kriminali.

**Il-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputati**.

**DECIDE:**

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontrihom u tilliberhom.**

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju ghall-iStandards fil-Hajja Pubblika stante li hemm quddiemu ilment dwar il-kaz investigat f'din id-decizjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur